Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA\` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 37 – Il-Ħamis, 19 ta' Frar, 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

3.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand l-Għaqda Drammatika fejn irrefew għal-pagaent tal-passjoni li ssir minn din l-Għaqda u li għaliha jkun jinħtieġ cordless PA system. Huma talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jinxtara dan biex jevitaw li ta' kull sena jikru dan l-apparat. L-għaqda provdiet xi stimi lill-Kunsill u l-apparat jiswa €1270. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ikun aktar għaqli li l-Kunsill jixtri l-apparat hu biex ikun jista juzah hu għall-attivitajiet tiegħu kif ukoll ikunu jistgħu jibbenifikaw minnu l-Għaqdiet kollha tal-lokal, izda l-apparat jibqa proprjeta tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel għalhekk li għandu jixtri l-orħos stima dik €ta' 1270 mingħand Thomann.de.

3.2 Is-Sindku rrefera għall-kwistjoni tad-drenaġġ fi Triq Simirat. Hu qal li wara li kienu daħlu diversi oġġezzjonijiet li fil-garages ta' block flats fi Triq Wied ir-Rajjes kien dieħel id-drenaġġ hu kien kellem lill-persuna nkarigat mit-taqsima tad-Drenaġġ f' Għawdex biex jibgħat il-camera sabiex ikun jista jiġi ddentifikat il-

ħsara fil-katusa fi triq Simirat fejn kawza t'hekk id-drenaġġ kien qed imur f'dawn il-garages. Hu qal li l-ħaddiema tad-drenaġġ kienu marru u sabu li l-katusa kienet miksura kawza ta' żewġ earth elctodes li kienu deħlin ġo fija. Is-Sindku qal li hu sar jaf minn kienu l-propretarji tal-flats ta' dawn iz-zewg electrodes u kellimhom biex malajr kemm jista jkun jirranġaw dawn l-electrodes u l-katusa, sabiex ma tibqax issir ħsara fil-garages ta' taħt. Is-Sindku qal ukoll li kien għamel rapport lill tas-sanita biex jiċċekjaw u r-riżultat kien li l-ilma li kien hemm fil-garages kien fil-fatt drenaġġ ġej minn triq Simirat. Tas-sanita għamlu rapport lis-sidien biex isewwu malajr il-ħsara li saret fil-katusa tad-drenaġġ u jneħħu l-earth electrodes u jagħmluhom il-barra mill-katusa.

3.3 Is-Sindku rrefera għas-seduta tal-Qorti li kellu nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar biex jixhed fil-każ dwar is-siġra f'Ta Lourdes. Huwa semma' li ġie mistoqsi għaliex is-siġra ma kienx jieħu ħsiebha l-Kunsill u huwa semma' li xehed li l-Kunsill kellu kuntratt mad-Dipartiment tal-Agrikultura biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ inkluz zbir ta' siġar. Is-Sindku semma li ntalab jipprovdi l-ħlasijiet li l-Kunsill għadda lid-Dipartiment tal-Agrikultura f'dan ir-rigward izda l-maġistrat wieġeb li mhumiex relevanti. Is-Sindku semma' li l-kaz wasal biex jittellgħa l-aħħar xhud, dak li kien qiegħed ezatt wara t-truck bil-karozza tiegħu, biex jispjega kif ġara l-kaz.

3.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-kwistjoni mal-Vodafone rigward il-kuntratt tal-mowbajl tal-Kunsill. Wara li l-Kunsill kien qabel li għandha tintbgħat ittra uffiċjali b'avukat lill-kumpanija, din intbgħatet fejn ir-risposta tagħhom kienet li tilfu l-kopja tal-kuntratt. L-avukat reggha rrispondihom billi talabhom jibgħatu d-dettalji relatati mal-kuntratt u dawn baqgħu s'issa ma ta' tawx twegiba. Ġie deċiz li l-avukat din id-darba għandu jikteb ittra uffiċjali lill-Vodaphone mill-qorti.

3.5 Is-Sindku rrefera għat-talba ta' koppja li tixtieq tagħmel it-tieġ tagħha fil-bajja taz-Zewwieq nhar il-15 t'Awussu 2015. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward l-ewwel il-koppja għandha ġġib permezz mingħand il-Ministeru għal Għawdex li ma jsibux oġġezzjoni kif ukoll mingħand il-Pulizija. Sar qbil li bħala kundizzjonijiet fil-permess għandhom jitnizzlu li l-attivita' tista ssir bejn is-13:00 u s-1:00 bl-assistenza ta' gwardjan lokali. Kundizzjonijiet oħra huma li jsir tindif tal-post wara l-attivita', jinzamm sound baxx, li jitħalla passġġ liberu biex jgħaddu n-nies, li jkun hemm aċċess għall-bajja fejn din għanda tibqa mittiefsa u li ma jsirx logħob tan-nar. Kemm il-darba din il-koppja takkwista dawn il-permessi meħtiega, l-Kunsill ikun jista jagħtiha l-permess tiegħu ghal din l-attivita'.

3.6 Is-Segretarja rreferiet għall-email u laqgħa li kellha ma' Diane Vella tal-Buzzy Kids rigward l-attivita' tal-Easter Egg Hunt. Waqt il-laqgħa ssemmew li kienet qed tiġi applikata fee mill-Buzzy Kids għal kull ride li tintuza minn kull tifel/tifla. Is-Segretarja talbet lil Buzzy kids dwar il-possibilita' li l-Kunsill iħallas lill-Buzzy

kids talli jorganizzaw l-attivita' u l-entrances ikunu kollha b'xejn. Meta s-Segretarja semmiet dan, il-kunsilliera wrew li ma kienux konxji li qed jinzammu dawn il-fees u ma qablux li dawn għandhom jirrepetu ruħhom. Għalhekk sar qbil li għandha tinzamm laqgħa bejn is-Segretarja, s-Sindku u Diane Vella biex jintlaħaq kompromess kif din l-attivita' ssir xorta waħda bl-inqas spejjes possibli u ma jkunx hemm fees għat-tfal għal kull ride.

## 4.0 Ftuħ ufficjali tal-Proġetti kapitali

4.1 Is-Sindku semma' li kollox jinsab lest għall-inawgurazzjoni tal-Għajn tal-Ħasselin. Iċ-ċerimonja ser tkun waħda qasira izda sinjifikanti bil-parteċipazzjoni tad-daqqaqa u Ta Sinnet folkgroup. Ser isir diskors tal-okkazzjoni mis-Sindku u diskors tal-għeluq mill-Ministru għal Għawdex u wara jsir t-tberik tal-lapida. Sar qbil li jsir riċeviment zgħir fost il-mistednin.

4.2 Għall-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Belvedere, sar qbil li għandna nerġgħu nibgħatu reminder lill-uffiċju tal-Prim Ministru biex jikkonfermaw. Bħala programm għal din l-inawgurazzjoni, sar qbil li għandu jsir marc mill-Banda St. Joseph mill-Pjazza tad-Dehra u jgħaddi minn Triq Hamri lejn il-Belvedere u jindaqqu xi zewġ marci fuq il-post u l-Innu Maltai. Sar qbil ukoll li għandna norganizzaw attivita' ta' Photobooth fejn wieħed ikollu l-opportunita' li jieħu ritratt tal-okkazzjoni u jiehdu mieghu stampat fuq kartolina tal-okkazzjoni. Sar qbil ukoll li ssir xi attivita' zgħira għat-tfal bħalma huma baloon modelling biex nattiraw kemm nistgħu lill-familji għal din l-attivita'.

4.3 Għall-inawgurazzjoni tal-monument tal-football, il-Kunsill qabel li għandu jamalga d-data ma' xi partita biex l-inawgurazzjoni tkun parti miċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkazzjoni tar-rebħ tal-kampjonat tat-tieni difizjoni. Is-Sindku semma li bħala xogħol ta' travertine fuq it-taraġ tal-monument ser isir minn Omar Fava waqt li Raymond Bonello jaħdem il-parti ta' fuq tal-monument u jnaqqax il-kliem. Sar qbil li għal din l-okkazzjoni għandhom jiġu mistiedna l-players kollha u l-ftuħ uffiċjali ta' dan il-monument ikun f'idejn il-Kunsill.

## 5.0 Evalwazzjoni tal-offerti tal-Pjazza tad-Dehra

5.1 Saret referenza għall-offerta GHJN 3/2015 li tinkludi Civil Works tal-Pjazza tad-Dehra. Din l-offerta tefgħuha tlitt kuntratturi, Joe Grima għall-prezz ta' €73,285.54, Said Construction għall-prezz ta' €63,200.45 u Carmel Portelli għall-prezz ta' €70,395.10. Dawn il-prezzijiet u l-items tal-Bill of Quantities tal-offerta ġew diskussi mal-Perit tal-Proġett u sar qbil li ħafna mix-xogħolijet huma lesti u mhemmx bzonn li jitkissru u jerġgħu jsiru u għalhekk l-offerti eventwalment iridu jitnaqqsu konsiderevolment.

5.2 Is-Segretarja prezentat ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni u r-rakkomazzjoni tagħhom hija li tintgħazel l-orħos offerta dik ta' Said Construction. Il-Kunsill qabel mad-decizzjoni tal-Bord.

5.3 Għall-offerta GHJN 1/2015 li tikkoncerna x-xogħol mekkaniku u elettriku tal-Pjazza tad-Dehra ntefgħu zewġ offerti mingħand Richard Cauchi Option A €20, 709.04 u Option B €27,061.30 u minghand Extreme Technologies għal prezz ta' €30,683. Sar qbil li għandu jitlaqqa' l-Bord tal-Evalwazzjoni biex jevalwa dawn l-offerti.

5.4 Għall-Quoation GHJN Q1/2015 dik tax-xogħolijiet ta' xi features tal-injam fil-Pjazza tad-Dehra ma kien hemm l-ebda offerta.

5.5 L-offerti l-oħra, dik tal-base tal-monument u tal-finishing u pavimentar ġew estizi għas-27 ta' Frar minħabba xi clarifications li kellhom jinħarġu.

## 6.0 Ħruġ ta' Tender għal Tinda

6.1 Il-Kunsill analizza l-Bill of Quantities u sketches provduti mill-Perit Shawn Micallef. L-isketches intlaqgħu tajjeb ħafna u l-Kunsill qabel li għandu joħroġ Quotation għall-pubbliku għal dan il-proġett.

## 7.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements

7.1 Għal-laqgħa kienet prezenti l-Accountant tal-Kunsill li tat spjegazzjoni dettaljata tal-Financial Statement u tat spjegazzjoni tad-dħul u ħruġ tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2014. Ġiet spjegata wkoll id-depreciation u kif tinħadem. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li għas-sena finanzjarja 2014, il-Kunsill spicca b'bilanc ta' 181,268. Il-Kunsill approvahom u sar qbil li kopja tagħhom għandhom jintbgħatu n-National Audit Office, lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lill-Awdituri tal-Kunsill.

## 8.0 Estimi Finanzjarji 2015

8.1 Ġew diskuss l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2015. Minbarra l-ispejjes kuntrattwali u operational, il-Kunsill qabel li bħala Capital Committments jalloka €50,000 għar-resurfacing, €40,000 bħala l-kumplament tal-proġett tal-Pjazza tad-Dehra u jitħallsu l-proġett tal-Belvedere u l-Għajn tal-Ħasselin. Meta wieħed janalizza kollox jifdal il-bilanc ta' €31,456. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u li għandu jiġi ppublikat.

## 9.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

9.1 Ġiet prezentata l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha prezentati.

## 10.0 Materji Oħra

10.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma Mark Xuereb minn Għajnsielem li ser itellgħa esebizzjoni fil-Belt Valletta bejn l-20 ta' Marzu u t-3 t'April 2015. Huwa esprima x-xewqa li din l-esebizzjoni itellagha wkoll f'Ghajnsielem. Mark talab il-kontribuzzjoni tal-Kunsill bhala kollaboratur fl-organizazzjoni ta' din l-esebizzjoni. Is-Sindku ddikjara li huwa ser jastjeni minn din id-deċizzjoni peress li s-Sur Xuereb huwa qarib tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jgħinu fl-istampar ta' fuljetti u pubblicita' li tammonta għal €250.

10.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex isiru xi sigar fi Pjazza Tolfa.

10.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex isir xi patching fi Triq il-Mogħdija.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Francis Cauchi** | **Lucienne Haber** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |